

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2019 —
Jebsen & Jessen (GmbH & Co.) KG vs Hauptzollamt Hamburg**

(Kawża C-543/19)

(2019/C 328/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Jebsen & Jessen (GmbH & Co.) KG

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg

Domandi preliminari

- 1) Għandu jiġi kkunsidrat li, fil-kundizzjonijiet tal-kawża prinċipali, l-eżenzjoni, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 ⁽¹⁾, mid-dazju antidumping stabbilit bl-Artikolu 1 tal-istess regolament hija eskluża minħabba li fattura tal-impenn fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-regolament ma ssemmix id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87 ⁽²⁾ imsemmija fil-punt 9 tal-anness tal-istess regolament, iżda d-Deċiżjoni 2008/899/KE ⁽³⁾?
- 2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: fattura tal-impenn li tissodisfa r-rekwiżiti tal-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/82 tista' tiġi ppreżentata fil-kuntest ta' proċedura intiża għar-rimbors ta' dazji antidumping sabiex tinkiseb, konformement mal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping stabbilit bl-Artikolu 1 tal-istess regolament?

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2015, L 15, p. 8).

⁽²⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/87 tal- 21 ta' Jannar 2015 li taċċetta l-impenji offruti b'konnessjoni mal-proċediment antidumping li jkkonċerna l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2015, L 15, p. 75).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat- 2 ta' Diċembru 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2008, L 323, p. 62).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Lulju 2019 — Société ECO TLC
vs Ministre de la transition écologique et solidaire**

(Kawża C-556/19)

(2019/C 328/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société ECO TLC

Konvenut: Ministre de la transition écologique et solidaire

Parti oħra: Fédération des entreprises du recyclage

Domanda preliminari

L-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li sistema bħal dak deskritta fil-punti 9 sa 11, li biha korp ekoloġiku privat mingħajr għan ta' qligħ, li għandu awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, jiġbor, mingħand negozjanti ta' kategorija partikolari ta' prodotti li ffirmaw miegħu ftehim f'dan ir-rigward, kontribuzzjonijiet finanzjarji bħala korrispettiv għas-servizz li jipprovdni f'isimhom għat-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti u jaġhti sussidji lill-operaturi responsabbli għall-klassifikazzjoni u l-irkupru ta' dak l-iskart f'ammont stabbilit fl-awtorizzazzjoni fid-dawl tal-għanijiet ambjentali u soċjali, għandu jitqies bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dawn id-disposizzjonijiet?

Appell ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2019 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) fis-16 ta' Mejju 2019 fil-Kawża magħquda T-836/16 u T-624/17, Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-562/19 P)

(2019/C 328/33)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u P.-J. Loewenthal, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika tal-Polonja, L-Ungerija

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla fl-intier tagħha s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) tas-16 ta' Mejju 2019 fil-Kawża magħquda T-836/16 u T-624/17, Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea;
- tiċħad ir-rikorsi ppreżentati mir-Repubblika tal-Polonja kontra l-Kummissjoni, minn naħa, fil-Kawża T-836/16, intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 5596 final tad-19 ta' Settembru 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44351 (2016/C) (ex 2016/NN), li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tat-taxxa Pollakka fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u li tordna s-sospensjoni tagħha, u, min-naħa l-oħra, fil-Kawża T-624/17, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/160 tat-30 ta' Ġunju 2017 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44351 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentata mill-Polonja għat-taxxa fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut, u tikkundana lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż tal-kawża fl-ewwel istanza u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura tal-appell;
- sussidjarjament, fil-każ li ż-żewġ rikorsi ma jiġux miċħuda fl-intier tagħhom, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni ġdida dwar il-motivi li ma tatx deċiżjoni dwarhom fl-ewwel istanza, u tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-ewwel istanza u ta' din il-proċedura tal-appell għad-deċiżjoni li tagħlaq il-kawża.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tinvoka żewġ aggravji.

Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn iddeċidiet li t-taxxa Pollakka fis-settur tal-bejgħ bl-imnut ma hijiex selettiva. L-iżball ta' liġi min-naħa tal-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq ir-raġunijiet segwenti:

- L-ewwel nett, fil-punti 63 sa 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball meta fid-definizzjoni tal-qafas ta' referenza ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-rati progressivi tat-taxxa Pollakka fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Għall-kuntrarju tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni finali tagħha hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fid-definizzjoni tal-qafas ta' referenza.